MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1566/2002/1

**Anthony Sciberras Degiovanni**

**vs**

**Kevin Decesare, Eden Leisure Group Limited u b' digriet ta' l-14 ta' Lulju giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Polidano Brothers Limited u Elbros Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Marzu 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Gunju 2002 fejn gie mitlub li l-konvneuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u tlett mitt lira

Maltin (Lm1,300.00) rapprezentatni l-valur ta zewg telephone kiosks propjeta' tal-attur li tnehhew minn posthom mill-konvenuti jew min minnhom sabiex jitlesta l-progett tal-Intercontinental Hotel f'San Giljan.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
Illi fl-ewwel lok Kevin Decesare fil-kwalita' personali tieghu jeccepixxi li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma dak allegat mill-attur.
Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u dan qed jigi eccepit miz-zewg konvenuti, mhux minnu dak allegat stante illi wahda mill-booths in kwistjoni tnehhiet minn terzi waqt li l-ohra tnehhiet mill-istess attur u jekk saret xi hsara din saret minn terzi jew minn nies li jiffrekwntaw l-akkwati.
Illi in vista tas-suespost it-talbiet attrici ghandhm jigu mihuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Alfred Attard u ta' Kevin Decesare. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dukumenti esebiti mill-partijiet.

Ra d-digriet tal-14 ta' Lulju 2003 fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Polidano Brothers Limited u ta Elbros Construction Limited.

Ra r-Rsiposta tas-socjeta' kjamata in kawza Elbros Construction Limited fejn din eccepiet is-segwenti:-
Illi t-talba attrici fil-konfronti taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi mihuda stante illi Elbros Construction Limited bl-ebda mod direttament jew indirettament ma kienet hi responsabbli ghall-hsarat u danni allegatament sofferti mill-attur.
Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta kjamata in kawza.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda danni sofferti mill-attur li kien propjetarju ta' zewg *telephone kiosks* f'St. Augustune Street, San Giljan liema *telephone booths* tnehhew minn fuq il-post, jew ahjar gew distrutti bhala konsegwenza ta' xi xoghlijiet li kienu qeghdin isiru f'dik il-lokalita'. Wahda mit-*telephone booths* kienet installata mas-*substation* tall-Enemalta quddiem il-kumpless ta' Baystreet u l-ohra kienet tinsab imwahhla fuq ic-*centre strip* quddiem l-Eden Century. L-attur jispjega li fit-8 ta' April 2001 huwa nzerta kien ghaddej mill-lokalita' in kwistjoni u nduna li s-*substation* li maghha kienet imwahhla l-*phone booth* kienet giet distrutta. Huwa kien ghalhekk cempel l-Ghassa ta' San Giljan sabiex jaghmel rapport u kien gie infurmat li l-kuntrattur involut fix-xoghol ta' twaqqiegh tas-*substation* kien Anthony Polidano. Meta l-attur kellem lil dan tal-ahhar huwa qallu li x-xoghlijiet kienu saru fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-konvenut Kevin Decesare. Xi xahrejn wara li sehh dan l-incident l-attur ircieva telefonata minghand Kevin Decesare in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta u dan talbu sabiex ikellmu dwar it-*telephone booth l*i kienet tinsab fuq ic-*centre strip* quddiem l-Eden Century. Decesare talab lill-attur icaqlaq il-*phone booth* minn fejn kienet u l-attur spjega li huwa accetta bil-kundizzjoni li x-xoghol necessarju ghall-ispustament tal-*phone booth* kellu jkun a karigu tas-socjeta' konvenuta. Kien sar appuntament sabiex it-*technician* tal-attur imur fuq il-post sabiex jiltaqa' mal-haddiema tas-socjeta' konvenuta u jsir ix-xoghol necesarju. L-attur inzerta kien ghaddej minn fuq il-post qabel il-gurnata tal-appuntament u ikkonstata li l-*phone booth* kienet diga' nqalghet minn fuq il-post, fis-sens li l-*kiosk* kien maqlugh u t-*telephone* kien mitluq mal-art.

Mix-xhieda tal-konvenut Kevin Decesare jirriuzlta li is-socjeta' konvenuta Eden Leisure Group Limited kienet tat struzzjonijiet lis-socjeta' kjamata in kawza Elbros Construction Limited sabiex twaqqa' s-*substation* li maghha kienet imwahhla l-*phone booth* ***–"In kwantu jirrigwarda l-phone booth l-ohra li kienet imwahhla mas-substation konna ahna li tghajna struzzjonijiet biex titwaqqa' din is-substation u dan ghaliex l-Enemalta kienet accettat illi ccaqlaq din is-substation lejn x'imkien iehor".*** Fir-rigward tal-phone booth l-ohra li

kien hemm quddiem l-Eden Century dan ix-xhud ghalkemm l-ewwel qal li x-xoghlijiet kienu qeghdin isiru mill-Gvern sussegwentment jammetti li kienet is-socjeta' konvenuta Ii kienet qabdet Iis-socjeta' kjamata in kawza sabiex taqla' il-*phone booth* in kwistjoni minn fuq il-post u dan meta kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni tal-lukanda Intercontintental.

Fil-fehma tat-Tribunal jirizulta soddosfacentement pruvat li l-*phone booths* in kwistjoni gew danneggjati bhala konsegwenza tax-xoghlijiet li kienu qed isiru fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta Eden Leisure Group Limited u ghalhek hija ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. Irid jigi rilevat li ghalkemm kienet is-socjeta' Elbros Construction Limited li materjalment esegwit ix-xoghlijiet, l-appaltatur kienet is-socjeta' konvenuta, cioe' kienet l-istess socjeta' konvenuta li nkarigat lis-socjeta' kjamata in kawza tesegwixxi x-xoghlijiet u hija ghalhekk ghandha tassumi r-responsabilita' ghad-danni kawzati lill-attur bhala konsegwenza ta' tali xoghlijeit.

In kwantu jirrigwarda l-quantum tad-danni reklamati mill-attur dawn bl-ebda mod ma gew kontestati mis-socjeta' konvenuta u l-attur iddikjara li l-valur taz-zewg *phone booths* in kwistjoni kien kumplessivament ta' Lm1,300.00.

Jidher li l-konvenut Kevin Decesare dejjem agixxa ghan-nom tas-socjeta' Eden Leisure Group Limited u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kwalita' tieghu personali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenut Kevin Decesare mill-osservanza tal-gudizzju, billi jichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetajiet kjamati in kawza u billi jilqa t-talbit attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Eden Leisure Group Limited u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm1,300.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta Eden Leisure Group Ltd. L-aggravju taghha hu wiehed prettament ta' kontestazzjoni ta' l-apprezzament ta' fatt maghmul mit-Tribunal. Aggravju dan li ma kien jimporta ebda punt ta' dritt imma semplicement sottomissjonijiet dwar min ikkaguna l-hsarat lamentati mill-attur u l-kwestjoni korrelatata mal-mitigazzjoni ta' l-istess hsarat;

In linea preliminari jigi ribadit il-principju, sew assodat fil-gurisprudenza, illi din il-Qorti tat-tieni istanza ma tindahalx, hlief f' kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal dwar l-apprezzament tal-provi (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 56**). Dan s' intendi dejjem jekk jirrizultalha illi d-decizjoni appellata ma tkunx tiddifetta minn vizzji logici tal-valutazzjoni ta' dawk il-fatti sostanzjali akkwiziti mill-process;

Preliminarjament ukoll, hu principju ben pacifiku illi jinkombi fuq l-attur li jipprova l-assunt tieghu li l-kontroparti azzjonata kienet responsabbli ghad-danni minnu allegatament sofferti. S' intendi, il-principju tal-piz tal-prova ma jimplikax biss illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostitutiv tad-dritt vantat irid jigi rikavat eskluzivament mill-provi offerti minn min hu hekk gravat. Kull element probatorju ta' siwi akkwizit fil-process jista' jigi utilizzat ghas-sostenn tad-dritt. Innegabilment, ir-rizultanzi istruttorji, kemm dawk derivati ad istanza ta' l-attur, kemm dawk forniti mill-konvenut, jikkonkorru indistintament, u indipendentement mill-provenjenza, ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant. L-importanti hu li parti wahda, jew l-ohra, jittragaw mill-provi dawk l-elementi favorevoli ghat-tezi sostenuta minnhom;

F' dan il-kaz, fuq ir-riezami taghha tal-provi, din il-Qorti thossha konvinta illi l-attur ipprova l-kaz tieghu bla ebda ombra ta' dubju. Mhux hekk biss. Il-Qorti hi sodisfatta wkoll illi gie stabbilit dak in-ness necessarju li jikkollega l-

hsarat subiti fit-*telephone coinboxes*, proprjeta` ta’ l-attur, ma’ l-ordni moghtija mis-socjeta` appellanti lill-kostruttur inkarigat minnha fil-bini ta’ l-Intercontinental Hotel. Kienet hi li, kif konfessat minn Kevin Decesare (fol. 55) tat struzzjonijiet lill-kontrattur taghha biex titwaqqa s-*sub-station* li maghha kien hemm wahda miz-zewg *coinboxes* u kienet hi wkoll li riedet li l-*coinbox* l-ohra posta fic-*centre strip* quddiem l-Eden Century tigi rimossa u mcaqalqa band’ ohra. Xoghol dan ta’ rimozzjoni li gie effettwat minnha nonostante ftehim antecedenti ma’ l-attur dwar kif u meta kellha ssir din ir-rimozzjoni;

Stabbilit li l-attur ipprovda fatti sufficjenti biex inekwivokabilment isostni l-assunt tieghu, u allura wkoll il-legittimita` tal-pretensjoni minnu dedotta fil-gudizzju, kien jispetta lis-socjeta` konvenuta appellanti li tiddisimpenja ruhha ghat-tishih u sostenn ta’ l-eccezzjonijiet taghha, u allura wkoll tad-difiza li l-hsara giet kagonata verament minn terzi u mhux minnha;

Huwa veru li materjalment it-tnehhija u distruzzjoni tat-*telephone coinboxes* saret mis-socjeta` kostruttrici kjamata in kawza imma b’ daqshekk is-socjeta` appellanti ma tistax thossha ezonerata ghal fatt ta’ haddiehor meta dak li sar minn haddiehor kien biss il-konsegwenza tal-fatt taghha stess konsistenti fl-inkarigu specifiku moghti biex dan haddiehor inehhi, ossija jtajjar, il-*coinboxes*. Kull rapport intern bejn is-socjeta` appellanti u dik kjamata in kawza ma jaffettwax id-drittijiet ta’ l-attur in bazi ghal kolpa tas-socjeta` appellanti;

Jifdal li jigi konsiderat l-ilment dwar li l-attur messu ghamel dak kollu possibbli sabiex jimminimizza d-dannu;

M’ hemmx dubju illi t-telf pekunjarju u partrimonjali li bata min sofra l-hsara ghandu jkun, kemm jista’ jkun, rizarcit (**Kollez. Vol. XLII P I p 596**). Dan fis-sens li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li

jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz ("**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977);

Hi wkoll gurisprudenza pacifika li ssostni l-principju generali f' materja ta' danni li min sofrihom ghandu jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom u jissalvagwadra bhala *bonus paterfamilias* l-interess ta' min ikun tenut ihallashom (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 863**). Daqstant iehor pero` jinsab deciz illi "minn naha l-ohra min isofri d-danni mhux obbligat li jitghabba b' pizijiet biex jirreduci l-hsara. Il-kwestjoni ta' x' inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara mhix kwestjoni ta' ligi imma ta' fatt li ghandha tigi kkunsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikulari u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" – "**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969;

Fil-kaz in ezami s-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi n-nuqqas taghha ghandha taddossah fuq l-attur taht l-iskuza li dan ma messux halla l-*kiosk* ma' l-art wara li dan tnehha minn postu fuq struzzjonijiet taghha stess. Kienet hi li b' arrangament ma' l-attur kellha tiehu hsieb li a spejjez taghha taghmel ix-xoghol mehtieg biex dan l-istess *kiosk* jigi mqieghed f' post alternattiv (ara deposizzjoni ta' l-attur, fol. 15). Dan hi naqset li taghmlu u ghalhekk ghal dan in-nuqqas taghha m' ghandux ibati l-attur appellat. Bhal kumplament ta' l-aggravju dan l-ilment taghha hu nieqes minn kull fondament legittimu.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------